MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 489/2010

Fl-atti tal-mandat numru 3337/10 fl-ismijiet:-

**Carmelo Farrugia (371967M)**

**Vs**

**Francis Cassar (515465M) u Debora Richard (397576M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Francis Cassar u Debora Richard li bih, wara li ppremettew illi permezz ta' rikors datat 27 ta' Settembru, 2010, ir-rikorrent Farrugia f'dawn il-proceduri talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' Sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat kontra l-esponent fl-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u erbgha u erbghin Ewro (€11,644.00) u bil-kawzali indikati bhala 'ammont dovut rapprezentanti parti minn somma akbar dovuti mill-intimati lill-Carmelo Farrugia b'rabta ma' bejgh ta' xarabank.

Illi l-mandat ta’ qbid kawtelatorju de quo m’ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponent jirrileva illi permezz tal-imsemmi mandat ir-rikorrenti Farrugia ssekwestra l-introjtu kollu tal-intimat esponent li huwa jaqla mix-xoghol tieghu bhala xufier fuq il-linja;

2. Illi jidher li l-ammont li qed jintalab mill-intimat huwa wiehed ‘prima facie’ eccessiv u l-intimat ma ippresenta l-ebda prova, anke sal-livell ta’ ‘prima facie’, halli jiggustifika kif wasal ghall-ammont indikat fil-pretensjoni tieghu fl-att tal-mandat anzi tabilhaqq jirrizulta illi l-ammont reklamat huwa gja mhallas bl-intier tieghu u oltre kif jirrizulta mill-annessa rcevuta (Dok A), liema rcevuta qatt ma giet b’xi mod ikkontestata gudizzjarjament mir-rikorrenti Farrugia li minflok kull ma qieghed jaghmel huwa li f’intervalli regolari kif joghgob lilu jintavola kawza u mandat biex jitlob u jikkawtela frazzjoni ta’ dak li minnu qed jigi allegat li huwa dovut ovvjament dan m’huwa xejn ghajr abbuz car u lampanti tal-proceduri.

3. Illi ghalhekk m’hemm l-ebda cirkostanza attwali u prevalenti li tiggustifika li f’dan l-istadju dan il-mandat ghandu jibqa’ fis-sehh;

4. Illi minn dan kollu jidher bic-car illi l-mandat imressaq mill-intimat-esekutant fil-konfront ta’ l-esponent-esekutat huwa wiehed frivolu u vessatorju.

5. Illi dan il-mandat qed jirreka pregudizzju lill-esponent-esekutat;

6. Illi f’kaz li din il-Qorti ma takkoljix it-talba tar-rikorrent halli jigi irrevokat dan il-mandat, ir-rikorrent-esekutat xorta wahda jhoss li, anke minhabba l-fatt tal-ammont li ghalih sar l-imsemmi mandat ghandha tigi imposta garanzija fuq l-intimat-esekutant u dana billi tezisti ‘kawza gusta’ fit-termini tal-ligi halli tigi imposta tali garanzija ai termini ta’ l-Art. 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab li din l-Onorabbli Qorti, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, joghgobha:

1. Tirrevoka, thassar u tikkancella in toto od in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3337/10 ai termini tal-Artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat-esekutant sabiex ihallas lill-esponent dik is-somma ta' m'hux anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u m'hux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6988.12) bhala penali u dan ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba u/jew it-tieni talba, tikkundanna lill-intimata sabiex, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepositaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3337/10.

Kif ukoll rat id-dokument ossija rcevuta a fol 2 tal-atti u markata Dok A.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fid-19 ta' Novembru 2010 a fol 4 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-intimat, Carmelo Farrugia (fol 5 u fol 6 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, l-esponent Carmelo Farrugia ipprezenta Avviz bin-numru 344/2010 pendenti quddiem din l-istess Qorti kif presjeduta fejn talab il-hlas minghand Francis Cassar u Debora Richard tas-somma indikata fil-mandat ta' sekwestru bil-kawzali indikati bhala ammont dovut rapprezentanti parti minn somma akbar dovuti mill-intimati lil Carmelo Farrugia b'rabta ma' bejgh ta' xarabank;

Illi oltre ghal dawn il-proceduri bejn l-istess partijiet hemm proceduri ohra pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta (Avviz. Nru. 43/2010) fuq bilanc mill-bejgh ta’ dan l-istess xarabank;

Illi anke f’dawn il-proceduri l-esponent kien ipprezenta talba u ottjena l-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fil-konfront tar-rikorrent Francis Cassar;

Illi l-istess Francis Cassar kien ukoll ittanta jitlob ir-revoka ta’ dak il-mandat izda minghajr success;

Illi l-iskrittura prezentata mill-intimati (Francis Cassar) bhala allegata rcevuta tal-hlas qed tigi kontestata fil-kawza pendenti bejn l-istess partijiet u fil-fatt l-istess Francis Cassar prezentament ghaddej minn proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja (Mag. Dr. Edwina Grima LL.D.) akkuzat propju bil-falsifikazzjoni tad-dokument in kwistjoni. Dawn il-proceduri ukol jinsabu differiti ghal 15 ta’ Dicembru 2010. L-ufficjal prosekutur f’dawk il-proceduri huwa l-Ispettur Maurice Curmi;

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex dan il-mandat jigi revokat.

Illi dwar l-allegazzjoni minn Francis Cassar illi permezz tal-mandat gie sekwestrat l-introjtu kollu tieghu hija wahda gratuita ghall-ahhar meta l-istess Francis Cassar qieghed idawwar ix-xoghol fuq dan ix-xarabank fuq xufiera ohra sabiex jevita l-effetti tal-mandat. In kwalsiasi kaz il-ligi hija cara dwar dak li huwa sekwestrabbli o meno mill-paga ta’ individwu;

Ghaldaqstant fil-fehma ta’ l-esponent din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba ta’ Francis Cassar u li ghalhekk il-mandat ta’ Sekwestru 3337/10 ghandu jibqa’ in vigore.

Rat l-atti kolha tal-kawza specjalment id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-15 ta’ Dicembru 2010 a fol 14 tal-istess atti, dak verbalizzat a fol 26 ibid fis-seduta tad-9 ta’ Frar

2011 fejn jinghad illi in rigward dan il-mandat numru 33(3)7/2010 hemm depositata fir-Registru ta' din il-Qorti s-somma ta' €7277.20 liema depositu sar mill-Assocjazzjoni tat-Transport Pubbliku fit-12 ta' Jannar 2011 (cedoli ta' depositu numru 716/2010 u 79/2011) izda fadal li tigi depositata s-somma ta' madwar €4000 (ara ukoll fol 28 ibid).

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti, qed jitlob ir-revoka u thassir tal-mandat in ezami "in toto" jew "in parte" ghar-ragunijiet specifikati fl-istess rikors ossija li gie sekwestrat l-introjtu kollu li jircievi l-intimat mix-xoghol tieghu bhala xufier ta' xarabank, li l-ammont mitlub "prima facie" hu eccessiv anzi gie mhallas kollu, skond l-istess rikorrent, li, ghalhekk, l-istess mandat ma hux gustifikat anzi hu wiehed intiz sabiex jkun vessatorju oltre li hu frivolu.

Ikkunsidrat

Illi t-talba qed issir a bazi tal-artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 fejn jinghad illi jista' jsir rikors ghal kontromandat mis-sekwestrat f'kaz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ghal dak mitlub f'dan ir-rikors f'kaz li jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx "prima facie" gustifikat jew ikun eccessiv (ara is-subinciz (1)(d)) jew f'kaz li jintwera li fic-cirkostanzi tal-kaz ma jkunx ragjonevoli li l-mandat jibqa' jsehh jew parti minnu jew li l-istess att jew parti minnu ma hux mehtieg aktar jew gustifikabbli

Ikkunsidrat

Illi jekk wiehed jara u janalizza l-provi prodotti mill-partijiet waqt dawn il-proceduri, jista' jigi konstatat facilment, illi qed issir allegazzjoni serja u gravi fil-konfront tar-rikorrenti fis-sens illi l-firma tal-intimat fuq id-dokument esebit in foto kopja a fol 3 tal-atti hi falsifikata (ara x-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi a fol 61 et seq ibid), li, sahansitra hemm dubbju dwar minn jista' jkun il-propretarju tax-xarabank

numru DBY 317 ossija dak involut fil-mandat in ezami (ara x-xhieda ta’ Brian M. Farrugia a fol 32 u fol 35 et seq ibid u ta’ Joseph Zammit a fol 39 et seq ibid li fuqu ghadu registrat mal-Awtorita kompetenti l-istess xarabank).

Illi, mill-fatti li rrizultaw mill-provi kif esposti, jidher li l-mandat in ezami, tenut kont tac-cirkostanzi kif rizultanti, dejjem “prima facie”, kien u ghadu pjenament gustifikat sabiex l-intimat jissalvagwardja dak pretiz minnu u certament bl-ebda mod ma hu frivolu jew vessatorju.

Ikkunsidrat

Illi, gew konsiderat ukoll, is-segwenti fatti:-

a) Kif jidher a fol 26 tal-atti, fl-atti ta’ dan il-mandat, giet depositata mill-Assocjazzjoni tat-Transport Pubbliku is-somma ta’ €7277.20 matul il-mori ta’ dan il-kaz. Ghalhekk dak pretiz fl-istess mandat jinsab garantit “in parte” u ghalhekk hemm bilanc biss, nieqes mill-istess garanzija, ammontanti ghal €4366.80. Minhabba hekk avolja l-istess mandat ghandu jibqa’ “in vigore” izda l-ammont specifikat ghandu jigi ridott ghal €4366.80.

b) Kif rizultanti a fol 14 ibid, il-Qorti, f’dawn il-proceduri, wara inizjattiva mehuda mill-intimat f’dawn il-proceduri kienet tat digriet provvisorju fis-sens li kull xahar, l-Assocjazzjoni tat-Transport Pubbliku, wahda mis-sekwestratarji kienet giet awtorizzata sabiex tirrilaxxja favur ir-rikorrenti s-somma ta’ €698.81 (Lm300) bil-kundizzjoni hemm specifikata, liema digriet gie notifikat lill-istess Assocjazzjoni.

Ikkunsidrat
Illi oltre li dan id-digriet provvisorju li ghadu kemm issemma ghandu jibqa jsehh, il-Qorti waqt li zzomm “in vigore” il-mandat kawtelatorju in ezami, ser tordna li l-ammont involut ghandu jigi ridott ghal €4366.80.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti Tordna li l-mandat in ezami numru 3337/10 jibqa’ “in vigore” limitatament ghas-somma ta’ €4366.80 waqt li tichad it-talbiet numru tnejn (2) u tlieta

(3). In rigward l-ispejjes dawn jibqghu riservati. Tordna ukoll, li l-atti kollha relattivi ghal dan il-kaz jigu annessi mar-rikors numru 43/10JAB u 344/10JAB.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------